| **Laqgħa Grupp ta' Ħidma Parlamentari fuq id-dijabete No.1** | |
|---|---|
| Data | 9 t'April, 2014 |
| Ħin | 1930hrs |
| Post | Kamra tal-Kumitati, Parlament |

**Attendew:**

Simon Busuttil, Claudio Grech, Marlene Pullicino, Deo Debattista, Franco Mercieca, Clyde Puli, Marthese Portelli, Stephen Spiteri, Claudette Buttigieg, Frederick Azzopardi, Michael Gonzi

**Skuzat:**

Godfrey Farrugia

**Minuti:**

Kevin Mizzi

| **Dettalji tal-Laqgħa** |
|---|

1) **Introduzzjoni:**

Simon Busuttil irringrazzja lil Onorevoli Membri li għoġobhom jilqgħu l-istedina għal parteċipazzjoni f'dan il-Grupp ta' Ħidma. Huwa spjega li l-ħsieb wara l-proposta tiegħu kien li jigi ffurmat grupp informali ta' membri miz-zewġ naħat tal-Kamra li jiffukaw il-ħidma tagħhom fuq is-suġġett sensittiv tad-dijabete sabiex tingħata l-importanza mistħoqqa lil din il-materja li tolqot ħafna nies hawn Malta. Apparti dan, il-Grupp ta' Ħidma jista jżomm taħt skrutinju l-ħidma tal-Gvern kif ukoll jagħti proposti ta' azzjoni bit-tama li jinstab kunsens Nazzjonali fuqhom.

Simon Busuttil qal li ikun għaqli li ma jkunx hu li jippresedi fuq dan il-Grupp ta' Ħidma u ppropona lil Marlene Farrugia sabiex tkun il-President ta' dan il-Grupp. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet mill-membri fuq in-nomina ta' Marlene Farruġia.

Kien hemm qbil li tissejjaħ mill-anqas laqgħa waħda fix-xahar.

2) **Diskussjoni:**

Simon Busuttil għadda kopja ta' korrispondenza li kien bgħat lil Marlene Farrugia qabel il-laqgħa li kienet telenka numru ta' punti għal diskussjoni matul l-ewwel laqgħa.

Bħala follow-up, Simon Busuttil ssuggerixxa li tiġi ċirkulata lill-membri kollha tal-Grupp u ħeġġeġ lill-membri kollha sabiex jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom taħt kull item.

Kien hemm qbil li fil-ħidma tal-Grupp ikun hemm spirtu kollettiv li kemm jista jkun flimkien nagħtu eżempju billi npoġġu l-quddiem għan wieħed.

Kien hemm qbil fuq **il-prinċipju** li għandna nħarsu lejn il-kundizzjoni tad-dijabete bħala stil ta' ħajja u mhux marda, kif ukoll illi nagħmlu sforz sabiex id-diskussjoni fil-grupp twassal għal aktar azzjoni favur il-pazjenti u l-professjonisti milli diskussjoni retorika.

Issemmew numru ta' **diffikultajiet li qed jaffaċċjaw kemm pazjenti kif ukoll professjonisti** fejn tidħol il-kundizzjoni tad-dijabete, fosthom is-segwenti:

- Ma jeżistix reġistru pubbliku u għaldaqstant, fl-assenza tiegħu, ma jistax ikun hemm screening propju tal-pazjenti.
- Hemm nuqqas ta' monitoraġġ fuq il-kundizzjoni b'mod ġenerali inkluż l-eżiġenzi finanzjarji tal-pazjenti u nuqqas ta' materjal mediku li jkun disponibbli.
- Nuqqas ta' għarfien anke fl-iskejjel fuq l-għoti ta' l-insulina aċċentwat ukoll minħabba l-assenza ta' sapport professjoni mediku *in place*, speċjalment fi skejjel tal-primarja.

**Proposta** li ġiet imsemmija li fuqha għandha ssegwi diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma kienet '*Outreach programme'* ta' screeing attiv u mhux biss meta jkun hemm xi kumplikazzjoni.

Simon Busuttil għamel referenza għal **għodda għad-dispozizzjoni ta' dan il-Grupp** ta' Ħidma, li fi kliemu huma:

- Il-Kumitat Konsultattiv tas-Saħħa
- *Toolkif* fuq *policy* għal politici magħmul minn esperti fil-qasam.
- Kuntatti madwar id-dinja li jistgħu jiġu mgħoddija lilna mill-*International Diabetes* Federation (IDF) permezz ta' IDF Malta, inkluż ta' politiċi.
- Esperti lokali u organizzazzjonijiet volontarji.

**3) Il-laqgħa li jmiss:**

Gie miftihem li matul il-laqgħa li jmiss ikun hemm tnedija formali tal-Grupp ta' Ħidma. Kien hemm qbil ukoll illi l-karigi tal-Grupp jitħabbru lill-mezzi tax-xandir dakinhar, fil-preżenza ta' għaqdiet non-governattivi u anke '*leading professionals'* li jkunu mistiedna li jattendu.

**4) Aġġornament:**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għas-**<u>7 ta' Mejju fit-2000hrs</u>**.